MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Numru 600/2012

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Ali Munkeila

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat bin-numru tal-pulizija 11F202 imwieled Niger k/a Ali Bitalib, detenut gewwa l-barracks ta' Hal Safi, akkuzat talli fid-9 ta' Gunju 2012 bejn il-17:00hrs u s-18:00hrs gewwa l-Barracks ta' Hal Safi, Safi:

1. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq Angelo Caruana u Joseph Sciberras persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2. fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Angelo Caruana u Joseph Sciberras, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;
3. fl-istess data, lok u hin ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq Angelo Caruana dan skond kif iccertifika Dr. C. Deguara MD reg. 3033 mic-centru tas-sahha tal-Furjana;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe qmis ta’ l-uniformi u gizirana tad-deheb, liema ammont ta’ hsara ma jiskorriex it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-detriment ta’ Angelo Caruana u ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

Il-Qorti mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Angelo Caruana u Joseph Sciberras.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat trammite l-interpretu nominat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-addebiti migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 95, 96, 221, 325(c), 338(ee) u 17 tal-Kap 9.

Tikkundannah disa' xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor tul il-perjodu operattiv.

M'hiex tal-fehma li tadotta ebda provediment iehor.

Il-Qorti accertat ruhha li l-imputat fehem ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------